# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 27**

**Ċitazzjoni numru 1099/03/1 SM**

**Jeremy S. Harris bħala mandatarju ta' Stuart Creggy**

**v.**

**Dr. Patrick Spiteri u Sylvana Spiteri**

**Preliminari:**

1. Fiċ-ċitazzjoni li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2003 ġie premess li Stuart Cregg kien iddepożita mal-konvenut Dr. Patrick Spiteri s-somma ta' USD$1,483,500 u s-somma ta' STG£122,575.43, u li meta l-istess Dr. Patrick Spiteri ntalab jirrifondi tali somom dan naqas milli jirrifondihom, minkejja li kien aċċetta li l-flus kienu għandu. Il-kawża għalhekk saret

sabiex il-konjuġi Spiteri jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine* solidalment bejniethom is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin għal USD$1,483,500 (bl-imgħax mill-4 ta' Awwissu 1998) u STG£122,575.43 (bl-imgħax mit-18 ta' Novembru 1998).

2. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fil-5 ta' April 2016 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet fil-konfront ta' Patrick Spiteri biss (Sylvana Spiteri ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju) u kkundannatu jħallas is-somom mitluba bl-imgħaxijiet kif mitluba fiċ-ċitazzjoni.

3. Fil-25 ta' April 2016 il-konvenut Patrick Spiteri interpona appell fejn talab lil din il-Qorti:

> *"**tħassar u tirrevoka d-digrieti kollha** tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili inklużi dawk tal-21 ta' Mejju 2014, u 29 ta' Mejju 2014; u t-2 ta' Ġunju 2015 b'liema ġiet miċħuda d-dritt tal-esponenti li jressaq xhieda bil-mezz ta' rogatorji; fejn ġie sfilzat id-dokument ossia sentenza tal-Qorti Ingliża kopja ta' liema hija hawn esebita bħala dokument A[1] u fejn ċaħdet it-talba sabiex dan id-dokument jiġi esebit u minflok takkolji u tippermetti l-produzzjoni tal-istess xiehda u dokument u **tħassar u tirrevoka s-sentenza** fl-ismijiet premessi tal-5 ta' April 2016 u minflok takkolji l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attur."*

## Id-digrieti appellati:

4. Skont ma jispjega l-konvenut appellant, id-**digrieti** li qed jappella

[1] Effettivament mar-rikors tal-appell tiegħu l-konvenut ma esebixxa l-ebda sentenza tal-Qorti Ingliża (datata 19.12.2014) iżda mbagħad esebiha mar-rikors li għamel fl-20 ta' Mejju 2021 ai termini tal-Artikolu 904.

minnhom huma dawk kollha, "inklużi" tal-21 ta' Mejju 2014, tad-29 ta' Mejju 2014 u tat-2 ta' Ġunju 2014 li permezz tagħhom ġie miċħud id-dritt tiegħu "*li jressaq xhieda bil-mezz ta' rogatorji*" u fejn ġiet sfilzata s-"*sentenza tal-Qorti Ingliża*" tad-19 ta' Diċembru 2014.

5. Ir-rikorsi u d-digrieti li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni tax-xhieda barranin u mas-sentenza tal-Qorti Ingliża huma s-segwenti:

(i) **Rikors tal-konvenut tal-11 ta' Marzu 2014** fejn għamel riferenza għan-nota li ġġib l-istess data u li fuqha ġew elenkati erbatax(14)-il xhud li xtaq iressaq bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 613 tal-Kap 12; fir-rikors jispjega li apparti l-erbatax(14)-il persuna ndikati fin-nota li xtaq iressaq bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 613, xtaq iressaq ukoll sitt (6) persuni oħra, li għalkemm ma kinux indikati minnu fil-lista tax-xhieda annessa mal-eċċezzjonijiet tiegħu, kien ġustifikat iressaqhom.

Fid-digriet tal-21 ta' Mejju 2014 il-Qorti rriservat li tipprovdi fir-rigward wara li l-konvenut jispjega b'kjarezza liema mix-xhieda minnu proposti kienu diġa` ndikati fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

Fid-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2014 il-Qorti, *in vista* tar-risposta tal-kontro-parti ċaħdet it-talba.

(ii) **Rikors tal-konvenut tal-21 ta' Jannar 2015** fejn talab lill-Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2014 minn qorti Ingliża (The High Court of Justice, Chancery Division) fl-ismijiet *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy*, (annessa mal-istess rikors) fejn jenfasizza li minn tali sentenza jirriżulta li l-flus li ġew mogħtija lilu u li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna mhumiex ta' Stuart Creggy u qatt ma kienu tiegħu.

Fid-digriet tagħha tas-16 ta' Frar 2015 il-Qorti laqgħet ir-risposta tal-kontro-parti fejn ġie sottomess li d-dokument, *ossia* l-kopja tas-sentenza, ma kienx debitament awtentikat. Għalhekk ċaħdet it-talba.

(iii) **Rikors tal-attur *nomine* tat-23 ta' April 2015** fejn talab lill-Qorti sabiex tordna l-isfilz tas-kopja legali tas-sentenza Ingliża (li ġiet ippreżentata fir-Reġistru fil-21 ta' April 2015 u li ġie notifikat biha fit-22 ta' April 2015). Fir-rikors l-attur *nomine* argumenta li l-konvenut ma setax jaqbad jesebixxi kopja tas-sentenza bħallikieku r-Reġistru tal-Qorti kien xi depożitarju bla qiegħ. B'referenza għad-digriet tas-16 ta' Frar 2015 fakkar li l-Qorti kienet ċara meta ċaħdet it-talba tiegħu (biex tieħu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ingliża) u sostna li għalhekk ma setax il-konvenut jaqbad u jitfa' inkartament fl-atti kontra l-ordni tal-istess Qorti.

Fir-risposta tiegħu tat-18 ta' Mejju 2015 il-konvenut fakkar li r-raġuni għaliex il-kopja tas-sentenza kienet ġiet sfilzata kienet proprju għaliex ma kinitx debitament awtentikata.

Fid-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2015 il-Qorti, abbażi ta' dak indikat fir-rikors, laqgħet it-talba tal-attur *nomine* u ordnat l-isfilz tal-kopja legali tas-sentenza.

## **Is-sentenza appellatta:**

6. L-eċċezzjonijiet[2] li ssollevaw il-konvenuti Spiteri għall-azzjoni tal-attur *nomine* kienu s-segwenti:

> *"Fl-ewwel lok li Sylvana mart Patrick Spiteri ma hijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *Fit-tieni lok u bla preġudizzju li l-attur għandu l-ewwel nett jipprova l-interess tiegħu fil-kawża minnu proposta;*
>
> *Fit-tielet lok u inoltre bla preġudizzju għas-suespost, li l-konvenuti ma jżommu f' idejhom l-ebda somma flus li hi proprjeta` tal-attur; illu huwa qatt ma rċieva flejjes jew assi oħra proprjeta` tal-attur u kwindi ma għandu jagħti xejn lill-attur personalment.*
>
> *Fir-raba lok u fi kwalsiasi każ li l-konvenuti ma humhiex marbutin jagħtu lill-atturi dak mitlub mill-atturi fiċ-ċitazzjoni odjerna."*

7. Huma ressqu wkoll eċċezzjoni ulterjuri[3] li taqra hekk:

---

[2] Nota tal-eċċezzjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2003, fol 27.
[3] Nota ulterjuri ta' eċċezzjonijiet, fol 138.

*"In-nullita` taċ-ċitazzjoni in kwantu li la l-attur u lanqas il-mandatarju tiegħu ma huma residenti f' Malta u in difett ta' leġittimazzjoni tal-atti l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju."*

8. <u>L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet u waslet għas-segwenti deċiżjoni:</u>

"Ikkunsidrat:

14.0. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

14.1. Illi l-attur Creggy ried jeffettwa investiment internazzjonali;

14.2. Illi ghal dan il-ghan irrikorra tramite intermedjarju, ghas-servizzi professjonali tal-konvenut Patrick Spiteri, (ara foll 49);

14.3. Illi wara li l-partijiet qabblu li jikkonkludu l-investiment pattwit Spiteri talab lil Creggy biex jittrasferixxi l-flejjes indikati aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), fi "clients' account" appartenenti lill-istess Spiteri, minn fejn dan ta' l-ahhar kellu sussegwentement jittrasferihom f'investimenti f'isem l-imsemmi Creggy;

14.4. Illi wara li l-attur Creggy kien ittrasferixxa l-ammonti fuq riferiti lill-konvenut Patrick Spiteri, l-istess attur sussegwentement talab lill-istess konvenut biex jirrifondilu l-imsemmija ammonti;

14.5. Illi nonostante it-talba tal-attur indikata fil-paragrafu precedenti, il-konvenut Patrick Spiteri baqa` inadempjenti;

14.6. Illi ghalhekk l-istess attur Creggy kien kostrett jintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi tenut kont ta' l-analisi fattwali fuq sintetikament espost, jirrizulta s-segwenti:

15.1. Illi l-istitut legali issa kkreat bil-konsenja tal-ammonti ta' flus fuq indikati mal-konvenut Patrick Spiteri mill-attur Stuart Creggy hu dak ta' depozitu;

15.2. Illi d-depozitu de quo jirrizulta li sar permess tas-segwenti zewg binarji:

15.2. **A**.:

15.2.1. Illi l-ammont ta' $1,483,500.00 jirrizulta li kien depozitat mal-Bank Sarasin & Co., (ara foll 10 u 218);

15.2.2.Illi l-istess somma indikata fil-paragrafu precedenti kienet sussegwentement mahruga mill-kont li kienet fiha fl-imsemmi Bank u ddahhlet f'kont numru 29026718, u dan fuq l- istruzzjoni espressa tal-konvenut Patrick Spiteri, (ara foll 7, 9 u 54);

15.2.3. Illi sussegwentement l-istess kont indikat fil- paragrafu precedenti inghalaq fit-28 t'Awwissu, 1998, (ara foll 219);

15.2. **B**.

15.2.4.Illi l-ammont ta' £Stg.122,575.43 jirraprezenta l-ammont li l-attur Creggy ircieva wara li kien biegh proprjeta` immobbli f'Brighton, l-Ingilterra, (ara foll 51, 90, 91 u 164);

15.2.5. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kien sussegwentement debitat f'kont appozitu mizmum mill-assocjazzjoni professjonali civil partnership bl-isem Muscat Azzopardi Spiteri Associates, (ara foll 52, 60, 66 u 312);

15.2.6. Illi fir-rigward tal-assocjazzjoni indikata fil- paragrafu precedenti jigi rilevat is-segwenti:

15.2.6.i. Illi l-istess konvenut Patrick Spiteri nnifsu assuma r-responsabbilita` kollha fir-rigward, (ara foll 106);

15.2.6.ii. Illi l-assocjat l-iehor fl-istess assocjazzjoni professjonali fuq 7 riferita ddikjara li hu kien kompletament injar ghall-ammont li ddahhal fl-assocjazzjoni u li qatt ma kien konoxxenti tal-istess negozju, (ara foll 34 u 236);

Ikkunsidrat:

16. Illi di piu`, jirrizulta wkoll debitament assodat mir-rikors talistess konvenut Patrick Spiteri datat is-26 ta' Jannar, 2015, li z-zewg ammonti fuq elenkati gew mghoddija lilhu mill-attur Stuart Creggy – ghalkemm fl-istess rikors l-istess konvenut jirribadixxi li l-istess ammonti jappartjenu effettivament lil terzi u mhux lill-imsemmi attur, (ara foll 445);

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li jirrizulta s-segwenti:

17.1. Illi l-ammonti in meritu fuq deskritti gew mghoddija lillkonvenut Patrick Spiteri mill-attur Stuart Creggy;

17.2. Illi l-ammont f'dollari amerikani kienu depozitati f'kont mal-Bank Sarasin & Co. appartenenti lill-konvenut Patrick Spiteri;

17.3. Illi l-ammont f'liri sterlini kien depozitat fl-assocjazzjoni professjonali fuq indikata, (ara paragrafu numru hmistax punt tnejn punt hamsa, (15.2.5.), aktar qabel, liema kont ma jirrizultax li kien gie debitament migjub a konoxxenza tas-socju l-iehor fl-istess assocjazzjoni, (ara foll 34 u 236);

Ikkunsidrat:

18. Illi rizultat tas-suespost l-istitut legali relattiv hekk mahluq bejn il-kontendenti jirrizulta li hu dak ta' depozitu;

19. Illi kif ritenut fis-sentenzi tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Bondin vs. Bondin et, datata l-25 ta' Frar,1995, u Busuttil vs. Busuttil datata l-20 ta' Gunju, 2003**:

> "...id-depozitarju ghandu l-bbligu li jrodd lura l-flus meta jintalab li jaghmel dan mid-depozitant";

20. Illi fil-kaz odjern l-attur Stuart Creggy ghamel din it-talba lill-konvenut Patrick Spiteri, li pero` jirrizulta li naqas, anzi rrifjuta, li jaghmel dan;

21. Illi di piu`, l-istess konvenut Patrick Spiteri lanqas ittenta jipprova ai termini tal-artiklu 1909(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-ammonti involuti huma proprjeta` tieghu biex b'hekk ikun jista` jiggustifika l-attitudini tieghu fil-konfront tal-attur;

Ikkunsidrat:

22. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta Sylvana Spiteri li hi mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Attard et vs. Avallone datata l-24 ta' Mejju, 2011, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili*** stabbiliet is-segwenti:

> "Illi huwa maghruf u accettat li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-mizzewgin huma dawk li l-ligi espressament u tassattivament issemmi. Dawn l-ghemejjel kollha jitolbu s-sehem flimkien tal-mizzewgin. Ghalhekk, il-jedd li wiehed iharrek jew li jkun imharrek dwar l-imsemmija atti jghodd biss ghal dawk l-ghemejjel u mhux ghal ohrajn. Fejn il-ligi riedet taghzel, ghazlet. It-tifsira u t-thaddim ta' dawk id-dispozizzjonijiet specjali ghandha tkun wahda restrittiva..."

22.2. Illi ghalhekk l-artiklu 1322(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-fattispeci in dizamina ghandu jitqies li hu elenku ezawrjenti li ma jistghax jigi estiz tramite l-interpretazzjoni gudizzjarja;

22.3. Illi konsegwenza tal-istess, il-fatti kif fuq elenkati ma jirrizultawx li jinkwadraw fl-artiklu de quo;

22.4. Illi di piu`, lanqas ma jirrizulta li jista` jigi applikat l-artiklu 1329 tal-istess Kap 16 stante li dan ukoll ma jinkwadrax;

22.5. Illi konsegwentement id-dejn in dizamina istitwit millkonvenut Patrick Spiteri ma jistraripax fuq il-komunjoni tal-akkwisti:

Ikkunsidrat:

23. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-attur nomine pprova l-kaz tieghu fil-mertu skont il-ligi fil-limitazzjoni fuq indikata, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.1. Taqta` u tiddeciedi li fid-dawl tas-suespost fir-rigward qed takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Sylvana Spiteri u konsegwentement tillibera lill-istess konvenuta Spiteri mill-osservanza tal-gudizzju;

23.2. Illi fil-mertu, in vista tal-premess:

23.2.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti;

23.2.2. Takkolji t-talbiet kollha tal-attur nomine;

23.2.3. Tikkundanna lill-konvenut Patrick Spiteri biex ihallas lill-attur nomine is-somom ekwivalenti f'Liri Maltin skont ir-rata tallum tal-ammonti meritu ta' din il-procedura, senjatament:

23.2.3.i. $1,483,500.00; u

23.2.3.ii. £Stg.122,575.43;

23.2.4. Tikkundanna lill-istess konvenut Patrick Spiteri biex ihallas lill-istess fuq imsemmi attur nomine l-imghaxijiet kif indikati fl-istess citazzjoni promotrici, senjatament:

23.2.4.i. In konnessjoni mal-ammont fi flus Amerikani: mill-4 t'Awwissu, 1998;

23.2.4.ii. In konnessjoni mal-ammont f'Liri Sterlini: mit-18 ta' Novembru, 1998;

23.2.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenut Patrick Spiteri.

**<u>Ir-rikors tal-appell tal-konvenut Patrick Spiteri (25.04.2016):</u>**

9. L-aggravji tal-konvenut appellant huma dawn:

**(1) <u>L-ewwel aggravju</u>*:***

*L-eċċezzjoni ulterjuri*

Fl-ewwel lok jilmenta li l-ewwel Qorti skartat għal kollox l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu. (Dan l-aggravju pero` ġie **<u>rtirat</u>** permezz ta' nota datata 4 ta' Lulju 2016, fol 560).

**(2) <u>It-tieni aggravju</u>:**

*L-importanza tal-produzzjoni tax-xhieda li jgħixu barra minn Malta*

Fit-tieni lok jilmenta li ma kellux opportunita` tajba biex isiru provi bil-mezz ta' rogatorji jew mod ieħor sabiex ikun jista' jressaq ix-xhieda ta' diversi nies li jgħixu barra minn Malta. Jaċċenna għax-xhieda li ressaq l-attur biex jgħid li l-flus li kienu taħt il-kontroll tiegħu (il-konvenut) fl-iSvizzera kienu jappartjenu lilu (l-attur) personalment; Il-konvenut appellant jgħid li għalkemm ma ċaħadx li kien jikkontrolla diversi kontijiet l-iSvizzera, jikkontesta li l-flus kienu jappartjenu lill-attur. F'dan ir-rigward jisħaq li kienet importanti x-xhieda tar-rappreżentanti tal-

banek u professjonisti l-iSvizzera.

**(3) <u>It-tielet aggravju:</u>**

*L-isfilz tas-sentenza tal-Qorti Ingliża*

Fit-tielet lok jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti sfilzat il-kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ingliża fid-19 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet <u>*Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy*</u>. Jissottolinea li din is-sentenza ddikjarat konklussivament li l-aħwa Barnett kienu taw is-somma ta' 'l fuq minn miljun dollaru lil Stuart Creggy sabiex huwa jżommhomlhom, u li dan Creggy kien għadda l-flus lil Patrick Spiteri. (Fil-fatt jikkwota mis-sentenza). Għalhekk jenfasizza li din is-sentenza turi li l-flus ma kinux ta' Creggy.

**(4) <u>Ir-raba' aggravju:</u>**

*L-eċċezzjoni tiegħu li l-flus ma kinux tal-attur, ġiet pruvata*

Fir-raba' lok jargumenta li għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu li huwa ma kienx qed iżomm il-flus tal-attur, ġiet pruvata.

**(5) <u>Il-ħames aggravju:</u>**

*L-attur kellu jipprova l-interess tiegħu -- fatt li ġie skartat mill-qorti*

Fil-ħames lok, konsegwenza tas-sentenza fuq imsemmija, jargumenta li ladarba jirriżulta li l-flus ma kinux jappartjenu lill-attur, kien l-obbligu tal-istess attur li jġib prova konklussiva li huwa kellu t-titolu u l-interess ġuridiku li jipproċedi bil-kawża.

**(6) <u>Is-sitt aggravju:</u>**

*Il-kwistjoni tal-illeċitu` -- fatt li ġie skartat mill-qorti*

Fis-sitt lok jargumenta li mill-provi għandu jirriżulta li minkejja li l-attur kien dejjem konsapevoli li s-somma mertu tal-kawża ma kinitx tappartjeni lilu, dejjem ġab ruħu bħallikieku kien proprjetarju huwa stess. Jaċċenna għall-fatt li fis-sentenza tal-Qorti Ingliża Creggy ġie imċanfar serjament tal-aġir tiegħu billi dawwar il-flus tal-klijenti tiegħu mingħajr il-kunsens tagħhom. Ikompli jgħid li għalhekk huwa evidenti li l-attur qed jittanta jikseb lura l-flus tal-klijenti tiegħu li għadda lilu (lill-konvenut) biex jiġu nvestiti, u dan mingħajr il-permess tal-istess klijenti.

**(7) <u>Is-seba' aggravju:</u>**

*Il-flus ġew mgħoddija għal skopijiet ta' investiment, mhux bħala depożitu – fatt li ġie skartat mill-qorti*

Fis-seba' lok jilmenta li l-ewwel Qorti skartat għal kollox il-kwistjoni li l-flus ma kinux mgħoddija mill-attur bħala depożitu, iżda għal skop ta'

investiment u jargumenta li l-intenzjoni ta' investiment teskludi l-kuntratt ta' depożitu. Jenfasizza li l-kuntratt ta' depożitu huwa biex wieħed iżomm; filwaqt li fl-investiment il-flus jintemmu u jinbidlu, mhux jinżammu.

**<u>Ir-risposta tal-appell tal-attur *nomine* (01.02.2019):</u>**

10. L-attur appellat *nomine* wieġeb biex jgħid li s-sentenza tal-5 ta' April 2016 hija ġusta u timmerita konferma. B'referenza għall-aggravji tal-konvenut huwa wieġeb hekk:

- **<u>Dwar it-tieni aggravju</u>** jgħid li kien il-konvenut stess li ma użufruwiex ruħu minn kull opportunita` li kellu biex iressaq il-provi li ried in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu. Fi kwalunkwe każ isostni li mill-provi li jinsabu fl-atti ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-flus huma tiegħu (tal-attur).

- **<u>Dwar it-tielet aggravju</u>** jgħid li l-kopja tas-sentenza Ingliża li ried jesebixxi l-konvenut ma kinitx kopja fidila, u li meta eventwalment esebixxa l-kopja awtentikata l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz wara li evalwat iċ-ċirkostanzi kollha attenenti għal din il-prova. Jilmenta bil-fatt li l-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu kkwota estensivament mis-sentenza, u li anke (mingħalih, għax fil-fatt ma annettihiex) ipprova

jesebixxi kopja tagħha mar-rikors tal-appell. Iżid jgħid li s-sentenza ġiet maqluba mill-Qorti tal-Appell Ingliża, ħaġa li "*konvenjentement*" ma jingħadx mill-konvenut, u jsostni li dan huwa abbuż serju tal-proċedura.

- **<u>Dwar ir-raba' aggravju</u>** jgħid li (isegwi mis-suespost li) mhux minnu li l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-flus ma kinux tiegħu (tal-attur) ġiet pruvata.

- **<u>Dwar il-ħames aggravju</u>** fl-ewwel lok jgħid li kieku d-dokument (sentenza Ingliża) tiġi aċċettata, ikun meħtieġ li jerġa' jinfetaħ l-istadju tal-provi relattivi. Bla preġudizzju għal dan, isostni li huwa rnexxilu jipprova li kellu kull interess fil-flus li għaddew mingħandu għal idejn il-konvenut appellant. Jgħid li mill-provi jirriżulta li l-fondi mertu tal-kawża kienu ġew trasferiti mingħandu għal kont bankarju li l-uffiċċju legali tal-konvenut kellu mal-Lombard Bank: jippreċiża li s-somma f'dollari Amerikani ġiet trasferita mill-bank Sarasin fl-iSvizzera, filwaqt li dik f'Liri Sterlini ġiet trasferita mill-Barclays Bank ta' Londra. *In subsidium* jargumenta li anke kieku għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li l-fondi kienu jappartjenu lil terzi, dan l-aspett huwa rrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża għaliex ladarba kien hu (l-attur) li ttrasferixxa l-fondi lill-konvenut, l-istess konvenut bħala depożitarju għandu l-obbligu li jirrifondihomlu meta hekk jintalab.

- **Dwar is-sitt aggravju** jgħid li dan hu bbażat fuq is-sentenza Ingliża li ma tifformax parti mill-atti u hija rrilevanti għall-kawża odjerna.

- **Dwar is-seba' aggravju** jgħid li l-konvenut b'dan l-aggravju qed jikkontradixxi lilu nnifsu, għaliex il-konvenut jiġi li qed jirrikonoxxi li ngħata l-flus minnu (mill-attur) iżda għal skopijiet ta' investiment u mhux ta' depożitu. Jargumenta li l-konvenut irid jagħżel triq waħda.

**Provi:**

11. **Jeremy S Harris**, fl-affidavit tiegħu anness maċ-ċitazzjoni[4] iddikjara li huwa l-konsulent legali u mandatarju speċjali tal-attur Stuart Creggy u li jaf li l-istess Creggy iddepożita mal-konvenut Patrick Spiteri s-somom mertu tal-kawża. Qal li:

> *"….minkejja li Stuart Creggy talab ir-rifużjoni tal-ammonti fuq imsemmija mingħand il-konvenut, u minkejja illi l-konvenut aċċetta illi l-flus kienu għandu, huwa naqas milli jirrifondi l-imsemmija somom.*
>
> *Illi iktar kmieni din is-sena jiena ġejt Malta sabiex niltaqa' ma' Dr Spiteri għan-nom tal-klijent tiegħi, u waqt laqgħa illi kellna ġewwa daru l-Wardija huwa ammetta miegħi anki bil-miktub illi huwa għandu jagħti lil Stuart Creggy s-somom approssimattivi ta' STG128,000 u USD1,900,00 oltre l-imgħax relattiv."*

12. Flimkien mal-affidavit tiegħu Harris ippreżenta s-segwenti dokumenti:

[4] Affidavit ta' Jeremy Harris datat 24.10.2003, fol 5.

- Ittra maħruġa mis-Sarasin Bank[5] (bil-*letterheard* tal-bank) datata 19.09.2003, indirizzata lil Harris fejn hemm ikkonfermat li:

> *"…on the 20th of July 1998 Mr Stuart Creggy signed an "Application for the opening of accounts and custody accounts" for the account "Ties" (account no. 0.03322-1) and signed the "Declaration A" (mandatory for all banks in Switzerland) stating that he was the beneficial owner of the assets."*

- Debit Advice datata 04.08.98[6] maħruġa mill-Bank Sarasin tal-iSvizzera li turi li ġiet żbankata s-somma ta' US$ 1,483,510.11 mill-kont numru 3322-TIES,

- Riċevuta ta' Swift transfer datata 07.08.98[7] tal-ammont ta' US$1,483,500 mill-Bank Sarasin għal kont ta' Muscat Azzopardi Spiteri Associates mal-Lombard Bank.

- *Payment order* maħruġa mill-Lombard Bank datata 18.11.98[8] relattiva għall-ammont ta' £122,575.43, liema ammont inħareġ minn kont fil-Barclays Bank fuq ordni ta' K.E.Davis & Sons u ġie trasferit għall-kont ta' Muscat Azzopardi Spiteri Associates mal-Lombard Bank.

13. Vera kopja tal-ammissjoni bil-miktub li jirreferi għaliha x-xhud Harris

[5] Fol 10.
[6] Fol 7.
[7] Fol 8/9.
[8] Fol 11.

tidher esebita fl-atti[9], u taqra hekk:

> *"8 May 2003*
> *San Anton*
> *Wardija Hill*
> *Wardija*
> *MALTA*
> *To Jeremy Harris Esq,*
> *In your presence*
>
> *I, Patrick Spiteri, Maltese Identity Card Number 43465(M) hereby confirm that I have full responsibility and knowledge of investments held to my sole order and received by Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates, amounting to approximately 1.9 million United States Dollars and 128,000 Sterling.*
>
> *I presently am not able to transfer these funds back to the beneficiary. On my being able to travel, I hereby undertake to inform you immediately or within 72 hours thereof, and thereafter to make arrangements to transfer the sum as instructed and to meet the relative fiduciary together in a mutually convenient place and time. The said sums consist of the principal 1.9 million United States Dollars and 128,000 Sterling together with accrued interest and any reasonable expenses incurred by the beneficiary to secure the return of these funds."*
>
> (firma)

14. Barra l-affidavit anness maċ-ċitazzjoni, Jeremy Harris ippreżenta affidavit ieħor[10] fil-mori tal-kawża. Huwa jenfasizza li Stuart Creggy *"is or was either personally or beneficially the owner of monies deposited with Dr Spiteri's law firm.*" Isostni li Creggy kien il-klijent ta' Spiteri. Kwantu għall-allegazzjoni ta' Spiteri li l-flus mhumiex ta' Creggy jgħid "*In my opinion Dr Spiteri should be put to proof on his assertion that third parties are the owners of these monies".* Huwa ppreżenta diversi dokumenti oħra barra dawk li kien diġa` ppreżenta u jikkummenta illi:

---

[9] Fol 106/107.
[10] Affidavit ta' Jeremy Harris datat 23.02.2004, fol 95 *et seq*.

> *"I think that the correspondence, telephone calls and attendance notes speak for themselves. There was no argument between me and Dr Spiteri as Dr Spiteri suggests. There is no confusion as to whom I act for and I would suggest that Dr Spiteri's affidavit is unsound, unfounded, untruthful and, I would suggest, nothing more than a tactical delay on his part."*

15. **Stuart Creggy**, fl-affidavit tiegħu[11] xehed li huwa avukat u li ħadem bħala Maġistrat f'Londra għal 23 sena. Qal li f'waħda mill-bosta żjarat tiegħu f'Malta kien iltaqa' ma' Dr. Patrick Spiteri li dak iż-żmien kien *partner* f'ditta legali Muscat Azzopardi & Spiteri. Qal li kien introduċa lil Spiteri lill-kollega u *accountant* tiegħu Paul Warren u li fost affarijiet oħra Warren kien anke ttrasferixxa ftit mill-*backroom administration* tiegħu Malta peress li kienet tiġi iktar irħisa. Kompla jgħid li kien jiltaqa' ma' Spiteri ta' spiss u li peress li kien irtira mill-prattika ried jirregola l-affarijiet tiegħu u Spiteri kien aċċetta li jgħinu.

> *"As I had retired from practice and was anxious to regularise my affairs, I discussed moving some cash deposits that I had and he said that he would be happy to assist. He said the first stage of placing these monies would be for me simply to transfer the monies to his firm's client or trust account and I exhibit at Exhibit 1 a fax[12] I received from Patrick Spiteri on 28 July 1998 confirming details of his trust account. I also exhibit a print-out from my bank, Bank Sarasin, sending the sum of **US$1,483.500** to that same trust account at Exhibit 2.[13] The second page of Exhibit 2 bears the name Muscat Azzopardi, Spiteri. At Exhibit 3[14] I show the same amount leaving my account at Bank Sarasin. I understand that Bank Sarasin have produced separate documents confirming the same. I also exhibit an instruction to Belinda Ferre`[15] at Bank Sarasin in my own handwriting to transfer my monies to the bank account of Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates. You will note that this instruction is dated 2 August 1998 and confirmed at the bottom of*

---

[11] Affidavit ta' Stuart Creggy datat 05.05.2004, fol 49 *et seq*.
[12] Kopja tal-fax a fol 52 - fuqha hemm id-dettalji tal-kont bankarju li kellhom Muscat Azzopardi & Spiteri mal-Lombard Bank.
[13] Dan jinsab a fol 55, u huwa l-istess kopja tad-Debit Advice li ppreżenta Jeremy Harris (fol 7).
[14] Fol 56, dan huwa kopja tal-iSwift Transfer li esebixxa Jeremy Harris (fol 8/9).
[15] Fol 58.

*the page the following day by Belinda Ferre`. This document has actually been sent by Bank Sarasin to my English Lawyer, Jeremy Harris and I exhibit the fax frontsheet*[16] *dated 21 January 2004 from Bank Sarasin to Mr Harris in London. You will note that the signature of Belinda Ferre` and the initials at the bottom of the instruction in 1998 are from the same hand."*

16. Kompla jgħid li:

*"I thereafter gave instructions to Patrick Spiteri to hold these funds which belong exclusively to me until further instructions from myself to return same. I held, through an offshore company, Curzon Limited, a property in Brighton and at that time Patrick Spiteri was Curzon's appointed director and he organised for the property to be sold. The net sale proceeds were in the sum of £122,574.43. Patrick Spiteri instructed the firm of K.E.Davis & Sons and the remitted the proceeds of the sale in the sum of* ***<u>£122,574.43</u>*** *as evidenced by Exhibit 4.*[17] *These monies were paid onto the Muscat Azzopardi, Spiteri account and joined with other monies. Patrick Spiteri produced a fax at my request on 25 June 2002 confirming that the £122,575.43 had now become £128,300 after receiving interest and he also accounted for my US dollar deposit showing a total of US$1,785,423. This document is exhibited at Exhibit 5.*[18]

17. Kompla jixhed fid-dettal dwar il-bejgħ tal-proprjeta` mibjugħa u li tagħha daħħal l-£122,574.43 u l-konnessjoni tiegħu ma' Curzon Ltd. kif ukoll il-korrispondenza ma' Patrick Spiteri fir-rigward, u anke esebixxa dokumenti relatati. Kompla jgħid li eventwalment marad bil-*leukemia* u li f'Marzu 2001 mar joqgħod fid-dar li għandu Florida, fejn Patrick Spiteri mar iżuru xejn iktar minn tliet darbiet. Dwar il-flus li allegatament kien talab lil Patrick Spiteri jirritornalu lura, xehed hekk:

*"I last met Patrick Spiteri in Washington DC at a Marriott Hotel. I instructed Dr Patrick Spiteri to return my funds and he replied that he had deposited my funds in Switzerland in a clients' account and he*

---

[16] Fol 59.
[17] Fol 60. Din hija l-istess kopja tal-*payment order* li esebixxa Jeremy Harris a fol 11.
[18] Fol 61.

*informed me that in view of the fact that the funds appertaining to other clients of his were also deposited in the same account, he stated that he would need some considerable time to organise payments to me. I was rather surprised by this statement since one is to presume that clients' funds, particularly if they are of a substantial value, should be kept in separate accounts and not moved without my consent. I exhibit some documents with regard to our meeting in Washington at Exhibit 7.*[19] *Exhibit 9*[20] *is a fax to Leslie Westoff who was helping to organise matters on my behalf from Lorraine Zammit who worked from Patrick Spiteri. I enclose at Exhibit 9 a copy of that same document with my manuscript notes taken during that meeting at Exhibit 10*[21] *and show a further exhibit which is a fax from Lorraine Zammit to Leslie Westoff confirming the meeting at the Mariott Hotel in Pennsylvania Avenue, Washington. Since that time I have received nothing but excuses for the failure to return my monies. Whilst my London lawyer, Mr Harris, was actually meeting Patrick Spiteri at his home in Wardija, Malta on my behalf to try and bring about a settlement to this matter, Patrick called me in the USA on speaker phone in the presence of Mr Harris to confirm that he had signed a letter which confirmed the funds availability. Nothing ever came of this.*

*I last spoke to Patrick Spiteri in person in or about August 2003 when he told me I would have to await my turn as he was not going to give instructions to return the funds while he was in Malta and that if I pursued him it would be war. I have not spoken or heard from Patrick since."*

18. Kontro-eżaminat fit-13 ta' Novembru 2008[22] u mistoqsi jekk għandux dokumenti bil-miktub li fuqhom Dr. Patrick Spiteri jirrikonoxxih bħala l-beneficjarju tas-somom, wieġeb li le, iżda argumenta li jekk wieħed ipoġġi l-flus tiegħu f'*trust account* ta' avukat m'hemmx bżonn dikjarazzjoni għaliex *trust account* huwa "sacrosant". Żied jgħid pero` li:

"*I have seen subsequently a letter address to Patrick from me, addressed to the LF trust, the LF, Leslie was my late father, F was my late mother….I gave instructions what should happen to the funds in this trust account should I die."*

[19] Fol 92.
[20] Fol 93.
[21] Fol 94.
[22] Fol 299 *et seq*.

19. **<u>Dr. Patrick Spiteri</u>** fl-affidavit tiegħu[23] xehed illi Stuart Creggy ma hux u qatt ma kien klijent tiegħu. Qal li:

> *"Hu personalment qatt ma tani flus li jappartjenu lilu u jien ma nżommx f' idejja flus li huma tiegħu.*
>
> *L-ammont in kwistjoni huwa proprjeta` ta' terzi u jiena f' dan l-istadju ma nistax niddikjara isimhom minħabba is-sigriet professjonali. B'danakollu jien infurmajt lill-prinċipali tiegħi biex jieħdu l-passi kollha li jidhrilhom opportuni. Għandi nifhem li dawn ser isegwu dak li qed jiġri u li qegħdin jirriservaw li jfittxu lill-attur u l-mandatarju tiegħu għal frodi.*
>
> *Ma huwiex minnu li jiena qatt ammettejt ma' Jeremy Harris li jiena kelli nrodd lill-attur is-somom premessi. Huwa minnu li f' din is-sena ltqajna darbtejn. L-ewwel darba, meta ltqajna fid-dar tiegħi Jeremy Harris iddikjara li kien qiegħed jirrappreżenta dawn it-terzi. Sussegwentement irriżulta li dan ma kienx minnu. Għalhekk meta ġie t-tieni darba jien għidtlu li ma kellix x' naqsam miegħu u li ma kellix awtorizzazzjoni biex niddiskuti affarijiet konfidenzjali miegħu. Huwa beda jheddidni u jien irraportajt l-akkadut lill-Pulizija u ppreżentajt kwerela. Peress li kien laħaq siefer il-Pulizija Maltija ma laħqitx ħadet passi kontrih. L-ispettur Pio Pisani qiegħed isegwi dan il-każ.*
>
> *Illi jiena riċentement sirt naf li Stuart Creggy instab ħati minn Qorti Amerikana ta' reati li jinvolvu il-falsifikazzjoni ta' dokumenti kummerċjali u ma ntbagħtx il-ħabs, skont is-sentenza, sempliċiment minħabba raġunijiet umanitarji. Naf ukoll, iżda li huwa imfittex mill-Pulizija Ingliża u fil-fatt jiena stess irrilaxxjajt volontarjament statements dwar il-każ ta' Stuart Creggy lill-National Crime Squad ta' Londra. Sirt naf issa li hu mfittex mill-Awtoritatjiet Russi għal reati simili. Dawn ir-reati kollha allegatament twettqu flimkien ma' ċerta persuna jisimha Andrew Warren. Dan Andrew Warren instab ħati fl-Ingilterra.*
>
> *Jiena ma għandix nagħti is-somom mitluba sempliċiment għaliex dawn is-somom jappartjenu lil terzi u mhux lill-attur."*

20. Kontro-eżaminat[24] fid-9 ta' April 2013 reġa*'* tenna li l-flus li ġew mgħoddija fil-kont tad-ditta legali "*kienu jappartjenu lil terzi u mhux lill-attur".* Qal li meta għamel l-affidavit fl-2003 kien marbut bl-obbligi tal-

[23] Affidavit ta' Patrick Spiteri datat 20.11.2003, fol 18.
[24] Fol 350 *et seq*.

kunfidenzjalita` u għalhekk ma setax isemmi lit-terzi li kienu l-proprjetarji veri tal-flus mertu tal-kawża odjerna. **<u>Fuq parir tal-avukat tiegħu huwa waqt ix-xhieda tiegħu żvela min huma l-persuni:</u>**

> *"…fuq parir tal-avukat tiegħi jien ħa nsemmi l-ismijiet u nitlob li jittellgħu bħala xiehda. Dawn is-sidien tal-flus huma s-segwenti, Ethel Imber Lithman, Adela Lithman, it-tnejn residenti l-Ingilterra, David Diamond, joqgħod Middlesex l-Ingilterra, imbagħad klijenti ta' Shai Granot residenti Tel Aviv Israel u E F Falougi ta' Empire Ltd l-Ingilterra.*
>
> *Mix-xiehda ta' dawn in-nies li semmejt jirriżulta illi s-soċjeta` ta' avukati li semmejt qabel għamlu t-trasferimenti tas-somom li kienu jispettaw lilhom għaliex huma kienu l-veri benefiċjarji ta' dawk il-flus li jagħmlu parti mill-mertu ta' dina l-kawża odjerna."*

21. **<u>Leslie Westoff</u>**[25] fl-affidavit tagħha spjegat li kienet tieħu ħsieb Creggy meta rriżulta li kellu *leukemia*. Qalet li meta kienu jitkellmu dwar l-ispejjeż mediċi tiegħu kien jgħidilha li "*he had monies lodged with a firm of Maltese lawyers*" u li l-*partner* li kellu x'jaqsam miegħu kien Dr. Patrick Spiteri. Qalet li kien jgħidilha li kien qed isib diffikultajiet sabiex Dr. Patrick Spiteri jirritornalu l-flus u qalet li dan il-fatt kien qed jinkwetah ħafna u jikkaġunalu ħafna stress. Qalet li Dr. Patrick Spiteri kien mar Florida fl-2001 biex ikellem lil Creggy dwar il-flus u hija ltaqgħet miegħu. Qalet li kien qalilha "*The first tranche will be sent to Stuart in two weeks and the second tranche will be sent several weeks later*". Qalet li tiftakar tali kliem eżatt għaliex qatt ma kienet semgħet il-kelma "*tranche"* qabel. Kompliet tgħid li l-ebda flus ma kienu ntbagħtu u li kienet preżenti għal diversi konverżazzjonijiet telefoniċi li Creggy kellu ma' Spiteri dwar il-flus. Qalet

[25] Affidavit datat 13.02.2004 a fol 144 *et seq*.

li f'Awwissu 2002 hija rċeviet *transfer* ta' $10,000[26] mingħand Dr. Spiteri, li ħasbet li kienu l-ewwel pagament lura tal-flus li kien għadda Creggy, pero` qalet li kienu "*transfer from Mr Patrick Spiteri and not his Trust Account".* Qalet ukoll li r-raġuni li kienet qed tirċievi l-flus ta' Creggy fil-kont tagħha kienet għaliex kienet qed tgħin "*to manage Stuart's affairs at this time paying his bills and I also later became a signatory to his bank accounts in the US."* Qalet li sikwiet kien ikollha korrispondenza ma' Lorraine Zammit, l-*assistant* ta' Dr. Spiteri, u korrispondenza ma' Dr. Spiteri stess, u ppreżentat dokumenti fir-rigward.

22. **Dr. Godwin Muscat Azzopardi**[27] kkonferma li kien *f'partnership* ċivili mal-konvenut Dr. Patrick Spiteri għal dak li jirrigwarda l-uffiċċju legali. Qal li dan kien bejn l-1995 u l-2000 għaliex f'Diċembru 2000 il-*partnership* spiċċa. Qal li minkejja li l-*partnership* spiċċa baqgħu ma għamlux il-konteġġi. Mistoqsi fuq Stuart Creggy qal li kien iltaqa' miegħu darbtejn. Spjega li Creggy kien *partner* ma' *accountant* Ingliż, ċertu Paul Warren, u spjega li kienu ddiskutew magħhom li jsir speċi ta' grupp ta' *accountants* Malta biex jagħmlu xogħol għall-kumpanija ta' barra. Jikkalkula li dan kien għall-ħabta tal-1998. Qal li mbagħad mexxa kollox Dr. Patrick Spiteri. Qal li ma jafx li kien bagħat flus Malta. Mistoqsi min kien jopera l-kont bankarju tal-assoċjazzjoni, wieġeb li kien Dr. Patrick Spiteri.

[26] *Advice* relattiva, fol 148.
[27] Xhieda ta' Godwin Muscat Azzopardi tas-26.02.2004, fol 34 *et seq*.

23. F'xhieda ulterjuri[28] qal li sar jaf li Creggy kien bagħat xi flus hawn Malta wara li s-soċjeta` kienet ġiet xolta fl-2000. Qal li sar jaf wara li kien ikkomunika miegħu Jeremy Harris bħala l-avukat ta' Creggy u kien qallu li Creggy kien bagħat ammont sostanzjali ta' flus hawn Malta lil Dr. Patrick Spiteri liema ammont daħal fil-kont tal-assoċjazzjoni u għalhekk staqsih dwar jekk kienx jaf xi ħaġa fuqhom. Qal li l-aħħar darba li kien iltaqa' ma' Harris dan kien qallu li kien iltaqa' ma' Dr. Patrick Spiteri u li l-istess Spiteri kien assuma r-responsabbilta` tal-flus kollha u li kien assigurah li ser iħallsu lura.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**It-tieni aggravju**: *(dwar is-smigħ tax-xhieda li jgħixu barra minn Malta)*

24. Fit-tieni aggravju tiegħu l-konvenut jilmenta li ma kellux opportunita` tajba li jressaq il-provi tiegħu permezz ta' rogatorji jew mod ieħor sabiex ikun jista' jressaq bħala xhieda diversi nies li jgħixu barra minn Malta. Jispjega li kien tal-akbar importanza li jressaq rappreżentanti tal-banek u professjonisti fl-iSvizzera sabiex jipprova li mill-kontijiet li kien jikkontrolla fl-iSvizzera ma kienx hemm flus appartenenti lill-attur. Fl-aħħar paragrafu tal-appell tiegħu l-konvenut

[28] Xhieda ta' Godwin Muscat Azzopardi tas-27 ta' Ġunju 2005, fol 230 *et seq*.

jitlob biex jiġu mħassra kwalsiasi digrieti li permezz tagħhom ġie miċħud id-dritt tiegħu li jressaq xhieda bil-mezz tar-rogatorji u biex minflok jiġi permess lilu li jipproduċi x-xhieda.

25. Huwa utli qabel xejn li ssir distinzjoni bejn in-**nota** u r-**rikors**, it-tnejn li huma ppreżentati mill-konvenut fil-11 ta' Marzu 2014:

(a) **Fin-nota**[29] l-konvenut indika erbatax(14)-il persuna li xtaq iressaq bil-mezz stabbilit fl-Artikolu 613 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Skont hu dawn il-persuni kienu ndikati fil-lista tax-xhieda annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu. Il-persuni huma s-segwenti:

1. Leslie Aldrige Westoff;
2. Robin C Davis;
3. Paul Warren;
4. Neil Collier;
5. Belinda A Ferre, Sarasin Bank;
6. Christian Rime, Sarasin Bank;
7. Luigi Tamburini;
8. Roberto Sanvido;
9. Shai Granot;
10. Martin Woods (Serious Organised Crime Agency, li qabel kien jissejjaħ National Crime Squad);
11. Ethel Imber Lithman;
12. Adela Lithman;
13. David Diamond;
14. E.F. Faloughi of Empire Limited.

Fl-istess nota spjega li apparti tali erbatax(14)-il persuna, kien qiegħed kontestwalment jagħmel rikors sabiex ikun permess lilu jressaq xhieda

[29] Dok. MR, fol 405.

oħra.

(b) **Fir-rikors**[30] talab lill-Qorti tippermettilu jipproduċi sitt (6) persuni li ma kienx iddikjara fil-lista tax-xhieda tiegħu, li pero` jargumenta li kien ġustifikat jipproduċihom. Il-persuni huma s-segwenti:

1. Andrew Warren;
2. Jonathan Lewis;
3. Winston Held;
4. John Talbot;
5. Rappreżentanti ta' Sarnia Management Corporation Limited, Guernsey;
6. Rappreżentanti ta' Stephen Williams & Company, United Kingdom.

Kwantu għal Andrew Warren qal li dan issemma mill-attur fil-kontro-eżami tiegħu tal-14 ta' Novembru 2008, u kwantu għall-ħames persuni l-oħra, qal li dawn kienu l-persuni li għenuh jidentifika l-benfiċjarji tal-flus mertu tal-kawża odjerna, liema benefiċjarji ġew identifikati fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' April 2013, fejn spjega li kienu klijenti ta' Shai Granot (Tel Aviv, Israel) u E.F. Faloughi ta' Empire Limited (L-Ingilterra). Spjega li fiż-żmien li għamel il-lista tax-xhieda ma kienx awtorizzat jiżvela l-identita` tagħhom.

26. L-ewwel Qorti fid-digriet (preliminari) tagħha tal-21 ta' Mejju 2014 rigwardanti r-rikors tal-11 ta' Marzu 2014 irriteniet hekk:

*"Rat ir-rikors de quo;*

[30] Dok. MR2, fol 406-407.

*Rat il-visto tal-abbli rappreżentant legali tal-kontro-parti;*

*Eżaminat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;*

*Stante li ma jirriżultax bi kjarezza dak allegat, tordna li tirriserva li tipprovdi fir-rigward wara li r-rikorrenti jipjega b'aktar kjarezza liema mix-xhieda minnu proposti kienu gia minnu indikati fl-imsemmija nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu; illi għalhekk tirriserva li tagħmel dan fl-udjenza gia iffissata."*

27. Fid-digriet (finali) tagħha tad-29 ta' Mejju 2014 rigwardanti r-rikors tal-11 ta' Marzu 2014 ikkonkludiet hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

*"Rat ir-rikors tal-11 ta' Marzu 2014;*

*Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2014;*

*Rat ir-risposta datata 12 ta' Marzu 2014 li inġiebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti, illum id-29 ta' Mejju 2014;*

*Semgħet lir-rappreżentant legali tal-konvenuta;*

***Illi in vista tar-risposta fuq indikata, tiċħad it-talba**."*

28. Ir-risposta li tirreferi għaliha l-ewwel Qorti hija dik tal-attur *nomine* tat-12 ta' Marzu 2014. F'tali risposta, l-attur *nomine*, in suċċint, kien għamel is-segwenti punti:

- Fir-rigward tan-**nota** fejn il-konvenut indika l-persuni li xtaq iressaq bil-mezz stabbilit fl-Artikolu 613, l-attur *nomine* jargumenta li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar il-kwalifika msemmija mil-liġi, *ossia* li l-persuni ndikati huma *"indispensabbli għad-deċiżjoni*" tal-kawża. Ukoll fir-rigward tan-**nota**, l-attur *nomine* jenfasizza li l-aħħar erba' persuni (ċioe` 11-14) mhumiex indikati fil-lista tax-xhieda

annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet.

- Fir-rigward tar-**rikors** fejn il-konvenut talab li jiġi permess iressaq sitt persuni li ma kienx iddikjara fil-lista tax-xhieda tiegħu annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, l-attur *nomine* jsostni li ma hemmx ġustifikazzjoni għall-produzzjoni tagħhom fid-dawl tal-Art. 156(7) tal-Kap 12. Kwantu għal Andrew Warren jgħid li l-konvenut kien jaf bih qabel ma dan issemma minn Creggy. Kwantu għall-ħames persuni l-oħra li skont il-konvenut kienu l-persuni li għenuh jidentifika l-benefiċjarji tal-flus, jgħid li dan mhux kredibbli għaliex fl-ewwel lok kien l-obbligu tiegħu li jivverifika s-sors tal-fondi li jkunu ser jiġu provduti f'idejh, kif ukoll li jagħmel l-eżerċizzju tad-debita diliġenza dwar il-proprjetarji ta' tali fondi; u fit-tieni lok fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu stess il-konvenut stqarr ċar u tond li ma jistax jiżvela ta' min huma l-flus għaliex huwa marbut bis-sigriet professjonali, u allura jsegwi li ma kellu bżonn lil ħadd biex jgħinu jidentifika l-benefiċjarji.

29. Jiġi ppreċiżat li bid-digriet tad-29 ta' Mejju 2014 l-ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors għall-produzzjoni ta' xhieda li ma kinux dikjarati fil-lista tax-xhieda annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, ċioe` l-mertu tar-**rikors** tal-11 ta' Marzu 2014. Din il-Qorti pero` tosserva li t-tieni aggravju tal-konvenut ma jirrigwardax il-produzzjoni ta' xhieda mhux dikjarati; fit-tieni aggravju tiegħu l-konvenut jilmenta li ma ngħatax opportunita` biex

iressaq xhieda li jinsabu barra minn Malta bil-mezz ta' rogatorji jew mod ieħor, u jenfasizza li kien importanti għalih li jixhdu r-rappreżentanti tal-banek u professjonisti fl-iSvizzera biex jagħmel il-prova li l-flus li kien jikkontrolla ma kinux tal-attur iżda ta' ħaddieħor.

30. Fir-rigward tax-xhieda li ddikjara fin-nota (li jispjega li kienu diġa` ġew dikjarati fil-lista tax-xhieda tiegħu annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet)[31] fil-fatt ma jeżisti l-ebda digriet li jiċħad id-dritt tiegħu li jressaq xhieda b'rogatorji kif donnu jagħti x'jifhem il-konvenut fl-appell tiegħu. L-imsemmija nota sempliċiment fiha lista tal-erbatax(14)-il persuna "*ta' liema xtaq iressaq ix-xhieda bil-mezz stabbilit fl-artikolu 613*" iżda ma hemm l-ebda talba fir-rigward. Għalkemm fid-digriet tad-29 ta' Mejju 2014 l-ewwel Qorti qalet li kienet qiegħda tiċħad ir-rikors tal-11 ta' Mejju 2014 *in vista* tar-risposta tal-attur *nomine* (u fir-risposta tal-attur *nomine* ġie argumentat li l-konvenut ma ppruvax li s-smigħ tax-xhieda li jgħixu barra huwa "*indispensabbli*" *ai termini* tal-Art 613) dan id-digriet neċessarjament jirrigwarda l-produzzjoni tax-xhieda li mhux dikjarati (**il-mertu tar-rikors tal-11 ta' Mejju 2014**) u mhux xi talba għall-produzzjoni tax-xhieda *ai termini* tal-Art. 613. Il-konvenut ma għamel l-ebda talba f'dan is-sens. Veru li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 ġie verbalizzat li l-konvenut ippreżenta **Dok. MR1** (in-nota) u **Dok. MR2** (ir-rikors), pero` l-

[31] Fir-rigward tal-aħħar erbgħa, għalkemm dawn ma kinux indikati speċifikatament fil-lista tax-xhieda annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet, fl-istess lista hemm indikati ***"il-proprjetarji tal-fondi nnifishom li s'issa jiena minix awtorizzat l-identita` tagħhom"*** (sic).

formalitajiet rikjesti mil-liġi għas-smigħ tax-xhieda permezz tar-rogatorji huma ben definiti fl-Artikolu 614 u 615 li jsegwu l-Artikolu 613.

> "***613.***
> *Meta l-parti turi b'sodisfazzjon ta' qorti superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, illi x-xiehda ta' xhud li jinsab barra minn Malta hija indispensabbli għad-deċiżjoni ta' kawża pendenti quddiem waħda minn dawk il-qrati, dik il-qorti tista' tiddikjara b'digriet li hu meħtieġ l-eżami ta' dak ix-xhud, tista' tissospendi l-kawża wara li tkun imxiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 158 u tiddifferixxi l-kawża għal dak iż-żmien li matulu dik ix-xiehda tkun tista' tinkiseb.*
>
> ***614***.
> *(1) It-talba għas-smigħ ta' dan ix-xhud għandha ssir b'rikors meta tiġi magħmula qabel is-smigħ tal-kawża, jew bil-fomm meta tiġi magħmula waqt is-smigħ tal-kawża; u fil-każ il-wieħed u l-ieħor il-parti li titlob is-smigħ ta' dan ix-xhud għandha ġġib il-mistoqsijiet magħmulin bil-miktub, u tagħti l-isem u l-indirizz tal-persuna li għandha tidher għaliha waqt is-smigħ tax-xhud.*
>
> *(2) Il-qorti ma tirċevix dawn il-mistoqsijiet jekk ma jkunx hemm magħhom traduzzjoni fl-ilsien tal-pajjiż li fih ix-xhud għandu jiġi mismugħ, kemm-il darba l-parti ma turix, b'sodisfazzjon tal-qorti, li din it-traduzzjoni mhix prattikabbli; f'liema każ, din iċ-ċirkostanza għandha titniżżel f'verbal fl-atti tal-kawża u għandha tiġi msemmija fl-ittra rogatorjali kkuntemplata fl-artikolu 618.*
>
> *(3) Din it-traduzzjoni għandha tiġi ffirmata, u mwettqa bil-ġurament bħala eżatta quddiem ir-reġistratur, mill-persuna li tkun għamlitha.*
>
> ***615,***
> *Il-parti li titlob is-smigħ ta' dan ix-xhud għandha twettaq bil-ġurament li taf, jew, li għandha informazzjoni illi għandha raġun biżżejjed biex taħseb li hija vera, li dan ix-xhud jinsab fil-lok imsemmi mill-istess parti, u li l-istess xhud jista' jiżgura l-verità tal-fatti miġjubin fil-mistoqsijiet"*

31. Il-konvenut għalhekk kellu jagħmel talba għall-eżami tax-xhieda li jinsabu barra minn Malta bil-mod rikjest mil-liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-20 ta' Mejju 1963 fil-kawża fl-ismijiet ***Nicola Ciappara v. Carmela Carusa nomine*** fejn ġie ritenut li biex tiġi milqugħa talba għas-

smigħ ta' xhieda permezz tar-rogatorji huwa essenzjali li jiġu osservati l-formalitajiet preskritti fl-Artikoli 614 u 615.

> *"Issa ma jidhirx li jista' jkun hemm dubju illi r-rekwiżiti fuq imsemmija preskritti mill-artikoli 614 u 615 huma formalitjiet essenzjali tat-talba għat-teħid tad-depożizzjoni bil-mod hemm kontemplat, u kondizzjonijiet li jeħtieġ li jkunu sodisfatti qabel ma l-Qorti tista' tiddekreta illi l-eżami hu meħtieġ u, għall-fini tiegħu, tissospendi l-kawża. "In making the demand" – jgħid testwalment l-Artikolu 614 – il-parti li tagħmilha għandha tipproduċi l-interrogatorju. U fl-istess stadju l-parti għandha tagħmel id-dikjarazzjoni ġuramentata imsemmija fl-Artikolu 615.*
>
> *Dan hu naturali u loġiku. Ma tistax il-Qorti altrimenti tissodisfa ruħha illi l-eżami li dan il-mod staordinarju hu indispensabbli u neċessarju ħlief billi jkollha quddiemha l-oġġett ta' prova li trid issir b'dik ix-xhieda, li tista' tirriżulta b'mod konkret mill-interrogatorji li jridu jsirulu…."*

32. Ladarba l-konvenut ma talabx li jressaq xhieda li jinsabu barra minn Malta bil-mod preskritt mil-liġi verament jistona li issa jiġi jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatux l-opportunita` li jressaq tali xhieda. Kien il-konvenut stess li naqas milli jużufruwixxi ruħu mill-proċedura applikabbli għaċ-ċirkostanzi tiegħu.

33. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju tal-konvenut appellant jirriżulta kompletament infondat.

**<u>It-tielet aggravju</u>**: *dwar l-isfilz tas-sentenza tal-Qorti Ingliża*

34. Il-konvenut appellant f'dan l-aggravju tiegħu jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti sfilzat il-kopja tas-sentenza tal-Qorti Ingliża mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2014. Jargumenta li f'tali sentenza kien ġie dikjarat

“konklussivament” li l-aħwa Barnett (atturi f’tali kawża) kienu taw lil Creggy ’il fuq minn miljun dollaru sabiex iżommhomlhom, u li dan Creggy kien għadda tali flus lilu. Isostni li din is-sentenza għalhekk tikkostitwixxi prova li l-flus ma kinux ta’ Creggy.

35. Din il-Qorti tosserva li fit-30 ta’ Ottubru 2014 id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-ewwel Qorti li ma kellhomx aktar provi x’jipproduċu u għalhekk il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni orali għat-18 ta’ Marzu 2015 b’dan li kull parti ngħatat l-awtorizzazzjoni biex fil-frattemp tippreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha.

36. Fil-21 ta’ Jannar 2015 il-konvenut ippreżenta rikors fejn informa lill-ewwel Qorti li kien sar jaf bid-deċiżjoni li ngħatat fid-19 ta’ Diċembru 2014 mill-Qorti Ingliża (*High Court of Justice Chancery Division*) fil-kawża ***Barnett et v. Creggy*** u li tali sentenza kienet rilevanti għaliex tikkonferma li l-flus li ġew mogħtija lilu u li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna mhumiex ta’ Stuart Creggy iżda ta’ żewġ kumpaniji (Glacier u Pound) li huma tas-sinjuri aħwa Barnett, u li Creggy għadda l-flus lilu (lill-konvenut odjern) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-aħwa Barnett. Il-konvenut għalhekk fl-imsemmi rikors tiegħu talab lill-ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza (li **kopja mhux awtentikata** tagħha ġiet annessa mal-istess rikors) u biex tiddiferixxi l-kawża għall-provi u kontro-eżamijiet relattivi u konsegwenzjali għall-istess sentenza.

37. L-ewwel Qorti fis-16 ta' Frar 2015 tat digriet li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors. Id-digriet jgħid hekk:

> *"Rat ir-rikors de quo datat 21 ta' Jannar 2015, flimkien mad-digriet preċedenti tagħha datat is-26 ta' Jannar[32] tal-istess sena.*
>
> *Rat ir-risposta tar-rikorrenti nomine datata t-12 ta' Frar 2015;*
>
> *Tirrileva preliminarjament li l-paragrafu 50 riferit mill-istess rikorrenti nomine fil-paragrafu 6 tar-risposta tiegħu fuq riferita hu fil-fatt indikat erronjament;*
>
> *Illi di piu` waħda mis-soċjetajiet indikati fil-paragrafu 8 tal-istess risposta hu wkoll indikata erronjament (sic), illi pero` taqbel mas-sottomissjoni ta' l-istess risposta tar-rikorrenti nomine li d-dokument ippreżentat in atti mill-intimat hawn rikorrenti m'hux skont il-liġi stante li m'hux debitament awtentikat;*
>
> *Illi għaldaqstant, filwaqt li tilqa' r-risposta fuq riferita, tirrespinġi t-talba tal-intimat hawn rikorrenti".*

38. Sussegwentement, fil-21 ta' April 2015 il-konvenut ippreżenta nota li biha ppreżenta **kopja awtentikata** tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2014 mogħtija mill-Qorti Ingliża.

39. Jumejn wara, fit-23 ta' April 2015 l-attur *nomine* għamel rikors għall-isfilz ta' tali kopja awtentikata. Fir-rikors huwa argumenta li ladarba t-talba tal-konvenut biex l-ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza u tiddiferixxi l-kawża għall-provi/kontro-eżamijiet konsegwenzjali għal tali sentenza kienet ġiet miċuda, l-istess konvenut ma setax jaqbad u

[32] Fid-digriet tas-26 ta' Jannar 2015 ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet involuti b'ħamest ijiem min-nofitika għar-risposta.

jesebixxi kopja tas-sentenza "*bħallikieku r-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti qisu xi depożitarju bla qiegħ.*" Kompla jgħid li bil-preżentazzjoni tal-kopja tas-sentenza (awtentikata) kien qed jitfa' inkartament fl-atti tal-kawża kontra l-ordni tal-istess Qorti.

40. Fit-2 ta' Ġunju 2015 l-ewwel Qorti tat digriet li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-attur *nomine* għall-isfilz. Id-digriet jaqra hekk:

> *"Rat ir-rikors datat it-23 ta' April 2015;*
>
> *Rat ir-risposta datata t-18 ta' Mejju 2015;*
>
> *Semgħet lill-abbli rappreżentanti tal-partijiet fir-rigward;*
>
> *Illi in vista ta' dak indikat fl-istess rikors fuq indikat, tilqa' t-talba u tordna l-isfilz tas-sentenza in diżamina."*

41. Dan id-digriet fil-fatt jifforma l-mertu tat-tielet aggravju tal-konvenut appellant. Huwa jargumenta li din is-sentenza, li skont hu tikkostitwixxi prova li l-flus ma kinux tal-attur, hija dokument pubbliku u li kienet produċibbli bħala prova.

42. Ta' rilevanza pero` huwa l-fatt li l-konvenut ippreżenta kopja ta' din is-sentenza (f'dak l-istadju **kopja awtentikata**) wara li kienu ngħalqu l-provi. Veru li s-sentenza tal-Qorti Ingliża ngħatat wara li ngħalqu l-provi, iżda *se mai* l-konvenut kellu jagħmel rikors u fih jitlob l-awtorizzazzjoni tal-ewwel Qorti sabiex jippreżenta tali dokument, u mbagħad f'każ li l-ewwel Qorti dehrilha li kien ġustifikat jesebih f'dak l-istadju, tawtorizzah

jesebih, iżda mhux jaqbad u jippreżentah minn rajh permezz ta' nota.

43. Għaldaqstant din il-Qorti ma jidhrilhiex li d-digriet tal-ewwel Qorti jimmerita li jiġi ċensurat, u konsegwentement għalhekk dan it-tielet aggravju qiegħed jirriżulta nfondat.

***Ir-raba' aggravju:*** *dwar l-eċċezzjoni li l-konvenut ma kienx u ma jżommx flus tal-attur nomine*

44. Il-konvenut appellant fir-raba' aggravju tiegħu jsostni li "*għalhekk*" ġie ppruvat li ma kienx u li ma jżommx flus tal-attur *nomine*. Dan l-argument jagħmlu b'referenza għas-sentenza tal-Qorti Ingliża tad-19 ta' Diċembru 2014. Jirriżulta mill-atti li l-konvenut Spiteri rċieva l-flus mingħand l-attur u għalhekk l-Artikoli 1908 u 1909 tal-Kap. 16 huma biżżejjed biex tirnexxi t-talba attrici. Stabbilit dan, kull konsiderazzjoni oħra ssir irrelevanti. Anki s-sentenza Ingliza ma tbiddel xejn mill-fatt li d-depożitant kien l-attur u anki kieku s-sentenza ġiet preżentata regolarment ma kienet tbiddel xejn.

45. Għaldaqstant isegwi li dan l-aggravju huwa nfondat.

46. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-okkju tal-kawża li ġiet deċiża mill-Qorti Ingliza huwa **Barnett et**[33] **v. Creggy,** u li

[33] Jeffrey u Peter Barnett.

meta l-konvenut fix-xhieda tiegħu "żvela" l-persuni li skont hu huma l-proprjetarji tal-flus in kwistjoni ma semma lil ħadd bl-isem ta' Barnett. Huwa ma offra l-ebda spjegazzjoni f'dan ir-rigward.

47. Għaldaqstant ir-raba' aggravju jirriżulta wkoll bla bażi.

**<u>Il-ħames aggravju</u>**: *dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur nomine*

48. Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti "*skartat għal kollox"* il-fatt li l-attur *nomine* naqas milli jipprova li huwa l-proprjetarju tal-flus mertu tal-kawża.

49. Dan l-aggravju huwa wkoll infondat. Din hija kawża fejn qed jiġi allegat li Stuart Creggy <u>iddepożita</u> mal-konvenut is-somma ta' USD$1,483,500 u s-somma ta' STG£122,575.43, u mitlub jirrifondihomlu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

50. Ta' rilevanza huwa l-Artikolu 1909 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**<u>1909.</u>**
>
> *(1) Id-depożitarju m'għandux jedd jitlob illi d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa ddepożitata.*
>
> *(2) B'dan kollu, jekk id-depożitarju jikxef li l-ħaġa kienet ġiet mitlufa jew misruqa, hu għandu jgħarraf lil dak li lilu l-ħaġa ġiet misruqa, jew li kien tilifha, bid-depożitu li sar għandu, u jagħtih żmien biżżejjed biex jitlob lura dak id-depożitu. Jekk dak li jiġi hekk imgħarraf ma jitlobx lura d-depożitu fiż-żmien fuq imsemmi, id-depożitarju jkun meħlus jekk jikkunsinna d-depożitu lill-persuna li mingħandha jkun irċevieh".*

51. Is-subinċiż (1) jagħmilha ċara li d-depożitarju m'għandux dritt jitlob

lid-depożitant jipprova li huwa sid il-ħaġa. Fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Attard v. Anthony Vella,*** il-Prim' Awla ta' Qorti Ċivili[34] enfasizzat dan il-punt u rriteniet li anke jekk id-depożitant fil-fatt ma kienx is-sid tal-ħaġa, id-depożitarju ma jista' jroddha lura lil ħadd ħlief lid-depożitant. F'tali ċirkostanzi mbagħad ikun sta għas-sid li jaġixxi kontra d-depożitant.

> *"Din il-Qorti, wara li qieset l-argumenti tal-konvenut, issib li dawn huma imsejsa fuq il-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Busuttil vs Busuttil", decisa fl-20 ta' Gunju, 2003, a tenur tal-artikolu 1908 u 1909 tal-Kodici Civili, depozitarju li jircievi oggett minghand xi hadd ghandu jrodd dak l-oggett li dak biss li jkun fdahielu, u m'ghandu ebda jedd jindaga dwar jekk minn fdalu l-oggett huwiex jew le s-sid tal-haga. Din id-decisjoni tidderimi mil-ewwel it-talbiet attrici ghax tindika bic-car l-obbligi tal-konvenut bhala depozitarju tal-karozza. Dan l-obbligu fuq id-depozitarju huwa wiehed importanti u determinanti, tant li fil-kawza "Manche' vs Said", decisa minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003, intqal li d-depozitarju hu obbligat li jrodd dawk l-oggetti lil min ikun fdahom f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ghamel id-depozitu.*
>
> *Kwindi, darba jirrizulta li l-karozza giet fdata f'idejn il-konvenut minn David Monsigneur, il-konvenut ma jista jikkonsenjaha lill-hadd jekk mhux lill-istess David Monsigneur. Jekk l-attur, bhala sid il-karozza, irid jiehu lura l-vettura jrid jagixxi kontra David Monsigneur bhala l-pussessur tal-karozza, izda ma jistax jippretendi li d-depositarju jikser il-ligi u jikkonsenja l-vettura lilu u mhux lil min fdahilu f'idejh."*

52. Kwantu għas-subinċiż (2), din il-Qorti ma tarax kif dan jista' japplika għal ħaġa funġibbli bħal ma hija somma flus.

53. Għalhekk dan l-aggravju jirriżulta wkoll infondat.

[34] Imħallef TM.

**<u>Is-sitt aggravju</u>**: *dwar il-kwistjoni tal-illeċitu`*

54. F'dan l-aggravju tiegħu l-konvenut isostni li l-attur qed jipprova jikseb lura flus tal-klijenti tiegħu li kien għaddielu biex jiġu nvestiti u dan mingħajr il-permess tal-istess klijenti. Ladarba din il-Qorti rriżultalha li t-tielet aggravju huwa bla bażi konsegwentement isegwi li dan l-aggravju huwa wkoll infondat.

**<u>Is-seba' aggravju:</u>** *dwar ir-raġuni għaliex l-attur għadda l-flus lill-konvenut*

55. F'dan l-aħħar aggravju tiegħu l-konvenut jargumenta li l-flus ġew mogħtija lilu għal skopijiet ta' investiment. Anke jekk dan kien il-każ, il-fatt li l-konvenut seta' ngħata struzzjonijiet biex jinvesti l-flus ma jeskludix id-depożitu; barra minn hekk <u>hemm l-iskrittura tat-8 ta' Mejju 2003 indirizzata lil Jeremy Harris (l-avukat ta' Stuart Creggy) fejn il-konvenut effettivament obbliga ruħu li jirrifondi l-ammonti lura lill-benefiċjarju</u>. Għalkemm ma jissemmiex speċifikatament Stuart Creggy fuq tali skrittura, jibqa' l-fatt li Jeremy Harris kien l-avukat ta' Stuart Creggy u kien qed jaġixxi għan-nom tal-istess Stuart Creggy. Il-verżjoni tal-konvenut li Harris kien qed jaġixxi għal terzi (u mhux għal Creggy) hija kontradetta mix-xhieda ta' Harris stess; fil-fatt anke Godwin Muscat Azzopardi, li kien il-*partner* tal-konvenut fid-ditta legali li kellhom dak iż-żmien li għaddew il-flus in kwistjoni, xehed li meta Jeremy Harris kien ikkomunika miegħu dwar il-flus li ntbagħtu minn Creggy lil Spiteri u li daħlu fil-kont tal-

assoċjazzjoni, kien kellmu bħala l-avukat ta' Creggy (u mhux ta' terzi). Kwantu għall-allegat "theddid" da parti ta' Harris, skont il-konvenut dan sar it-tieni darba li ltaqgħu u mhux l-ewwel darba - meta nkitbet l-iskrittura fid-dar tiegħu l-Wardija - u għalhekk lanqas ma jista' jitqies li l-iskrittura nkitbet taħt theddid.

56. Għalhekk dan l-aħħar aggravju jirriżulta wkoll bla bażi.

**Decide**

57. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata.

58. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess konvenut, u billi tqis li l-appell hu frivolu u vessatorju tordna li l-ispejjez jithallsu mill-konvenut għal darbtejn a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm